

32005R1154

19.7.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 187/11

REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (KE) Nru 1154/2005**tat-18 ta' Lulju 2005**

li jadattat l-kodiċċiet u d-deskrizzjoni ta' ċerti prodotti li jidhru fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 234/79 tat-5 ta' Frar 1979 fuq il-proċedura għall-aġġustament tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni użata għall-prodotti tal-agrikoltura (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (²) fiha n-nomenklatura magħquda li qiegħda fis-seħħ bħalissa.
- (2) Skont ir-riżultati tan-negozjati bejn l-Istati Uniti tal-Amerika konklużi fl-1995, ċerti taħlillet ta' residwi tal-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrum u ta' ċerti residwi oħra, partikolarmen ir-residwi tat-tħarrbil tal-qamħirrum jew ir-residwi mill-ilma li jingħaddas fih il-qamħirrum li jiġi użat għall-produzzjoni tal-akoħol u ta' prodotti oħra jnnejha li ġejjin mill-lamtu, importati fil-Komunità, kienu ġew eżentati mid-dazju. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 344/1996 (³) konsegwentement daħħal fin-nomenklatura maqgħquda is-subintestatura 2309 90 20 biex jikklassifika dan il-prodott għalihi.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Lulju 2005.

- (3) Minħabba ommissjoni, l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali (⁴) ma ġiex adatta skont dan. Dan l-adattatment għandu għalhekk isir, b'seħħ mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, billi jiddaħħal il-kodiċi NM 2309 90 20 fil-lista tal-prodotti li jidhru fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1784/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 għandu jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Lulju 2004.

*Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membra tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 34, 9.2.1979, p. 2. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3290/94 (ĠU L 349, 31.12.1994, p. 105).

(²) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 493/2005 (ĠU L 82, 31.3.2005, p. 1).

(³) ĠU L 49, 28.2.1996, p. 1.

(⁴) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78.

ANNESS

"ANNESS I

Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(d)

Il-kodiċi tan-NM	Deskrizjoni
0714	Għeruq tal-manjoka, ararut, <i>salep</i> , artiċokks, <i>topinambours</i> , patata ħelwa u għeruq u tuberi simili b'livell għoli ta' lamtu jew inulina, friski, mkessħa, iffriżati jew imxxifa, sew jekk flieli jew fil-forma ta' pellets sew jekk le; <i>sago pith</i> .
ex 1102	Dqiq taċ-ċereali ħlief tal-qamħ u tal-meslin:
1102 20	– Dqiq tal-qamħirrum
1102 90	– oħrajn:
1102 90 10	-- Dqiq tax-xgħir
1102 90 30	-- Dqiq tal-ħafur
1102 90 90	-- oħrajn:
ex 1103	Xgħir mitħun oħxon, smida u pellets taċ-ċereali bl-eċċeżżjoni ta' xgħir mitħun oħxon u smida tal-qamħ (subintestatura 1103 11), xgħir mitħun oħxon u smida tar-ross (subintestatura 1103 19 50) u pellets tar-ross (subintestatura 1103 20 50)
ex 1104	Qmuħ taċ-ċereali maħduma mod ieħor (per eżempju, imqaxxra, irrumblati, imlaqqxa, ipperlati, maqtugħha felli jew mitħuna oħxon), ħlief ross tal-intestatura 1006 u ross ifflejkjat (imlaqqax) tas-subintestatura 1104 19 91; nebbieta ta' ċereali, sħaħ, irrumblati, imlaqqxa jew mitħuna
1106 20	Dqiq, smida u trab tas-sagu (<i>sago</i>) jew ta' għeruq jew tuberi tal-intestatura 0714
ex 1108	Lamti; inulina:
1108 11 00	– Lamtu:
1108 11 00	-- Lamtu tal-qamħ
1108 12 00	-- Lamtu tal-qamħirrum
1108 13 00	-- Lamtu tal-patata
1108 14 00	-- Lamtu tal-manjoka (cassava)
ex 1108 19	-- Lamtu ieħor
1108 19 90	-- oħrajn
1109 00 00	Glutina tal-qamħ; kemm jekk imnixxa kif ukoll jekk le
1702	Zokkrijiet oħrajn, inklużi l-lattożju, il-maltożju, il-glukożju u l-fruttożju kimikament puri, f'forma solida; xropp Miz-zokkor mingħajr sustanzi miżjudha għat-togħma jew kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali u kemm jekk muħwiex; karamella:
ex 1702 30	– Glukożju u xropp tal-glukożju, li ma fihx fruttożju jew li fih fl-istat xott inqas minn 20 % fruttożju skont il-piż:
	– oħrajn:
	-- oħrajn:
1702 30 91	---- fil-forma ta' trab abjad bħal kristall, sew jekk meħud flimkien kemm jekk le
1702 30 99	---- oħrajn:
ex 1702 40	– Glukożju u xropp tal-glukożju, li fi, fil-forma niexfa, ghallinjas 20 % iżda anqas minn 50 % skont il-piż tal-fruttożju, eżkluz iz-zokkor invertit (jew intervertit):
1702 40 90	-- oħrajn:
ex 1702 90	– oħrajn, inklużi zokkor invertit (jew intervertit) u zokkor ieħor u taħlit ta' xropp taz-zokko rli fihom fl-istat xott 50 % tal-piż tal-fruttożju:
1702 90 50	-- Maltodestrina u xropp tal-maltodestrina
	-- zokkrijiet u karamella:
	--- oħrajn:

Il-kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1702 90 75	---- fil-forma ta' trab, sew jekk imgezzez jew le
1702 90 79	---- oħrajn:
2106	Tħejjijiet tal-ikel li mhumiex spċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:
ex 2106 90	<ul style="list-style-type: none"> – oħrajn: -- Xropp taz-zokkor b'sustanzi miżjudha għat-togħma jew il-kulur: ---- oħrajn:
2106 90 55	---- tal-glukożju jew tal-maltodestrina
ex 2302	Granza, sharps u residwi oħrajn, sew jekk fil-forma ta' pellets jew le miksubin mit-tgħarbil, it-tħin jew trattamenti oħra taċ-ċereali
ex 2303	Residwi tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili, polpa tal-pitṛavi, bagasse u skart ieħor mill-manifattura taz-zokkor, residwi u skart mill-fermentazzjoni jew id-distillar, fil-forma ta' pellets jew le:
2303 10	– Residwi tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili
2303 30 00	– Fdalijiet u skart mill-fermentazzjoni jew mid-distillar
ex 2306	Oilcake u residwi solidi oħrajn, sew jekk mitħuna jew fil-forma ta' pellets u sew jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni mix-xaħmijiet jew żjut tal-ħaxix, minbarra dawk tal-intestaturi 2304 u 2305:
2306 70 00	– tal-qamħirrum (corn)
ex 2308	Materjali veġetali u skart veġetali, f'dal veġetali u prodotti li jirriżultaw minnhom, kemm f'forma ta' gerbub kif le, ta' kwalità użata għal għalf ta' animali, li mhumiex spċifikati jew inklużi band'oħra:
2308 00 40	– ġandar u qastan selvaġġi; residwi taż-żebug jew il-karfa tal-frott, minbarra l-għeneb
2309	Preparazzjonijiet ta' tipi użati għall-għalf tal-animali:
ex 2309 10	<ul style="list-style-type: none"> – īkel għall-klieb u l-qtates li jinbiegħ bl-imnut: -- oħrajn li jkun fihom lamtu, zokkor li jsir mill-għeneb u ġulepp taz-zokkor li jsir mill-għeneb, maltodextrine jew ġulepp tal-maltodextrine li jaqqa' taħt is-subtitoli 1702 30 51 sa 1702 30 99, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti tal-ħalib ħlief preparati u prodotti tal-ikel li jkun fihom bl-użin 50 % jew aktar ta' prodotti tal-ħalib (¹)
2309 10 11	
2309 10 13	
2309 10 31	
2309 10 33	
2309 10 51	
2309 10 53	
ex 2309 90	<ul style="list-style-type: none"> – oħrajn:
2309 90 20	<ul style="list-style-type: none"> – prodotti msemmija fin-nota addizzjonali 5 għall-Kapitolu 23 tan-Nomenklatura Magħquda -- oħrajn, inklużi taħlitiet minn qabel:
2309 90 31	---- oħrajn li jkun fihom lamtu, glukożju jew xropp tal-glukożju, tal-maltodestrina jew tax-xropp tal-maltodestrinna tas-subtestaturi 1702 30 51 sa 1702 30 99, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti tal-ħalib (¹), ħlief Preparazzjonijiet u għalf li fih bil-piż 50 % jew aktar tal-prodotti tal-ħalib.
2309 90 33	
2309 90 41	
2309 90 43	
2309 90 51	
2309 90 53	

(¹) Għall-finijiet ta' din is-subintestatura 'prodotti tal-ħalib' tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestaturi 0401 sa 0406 kif ukoll is-subintestaturi 1702 11, 1702 19 u 2106 90 51."